Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Lussemburgu, 19 ta' Ġunju 2017
(OR. en)

10238/17

CFSP/PESC 524
CSDP/PSDC 322
POLMAR 22
COPS 196
POLMIL 73
TRANS 270

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	19 ta' Ġunju 2017
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.:	10221/17 CFSP/PESC 520 CSDP/PSDC 319 POLMAR 21 COPS 192 POLMIL 70 TRANS 269
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-Sigurtà Marittima Globali - Konklużjonijiet tal-Kunsill (19 ta' Ġunju 2017)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-Sigurtà Marittima Globali, adottati mill-Kunsill fit-3551 laqgħa tiegħu li saret fid-19 ta' Ġunju 2017.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-Sigurtà Marittima Globali

Introduzzjoni

1. Il-Kunsill jenfasizza r-rwol tal-UE bħala fornitur tas-sigurtà marittima globali fil-promozzjoni ta' multilateraliżmu marittimu u l-istat tad-dritt fuq il-baħar, inkluż l-importanza tal-kooperazzjoni fil-qasam tad-dritt internazzjonali, b'mod partikolari l-applikazzjoni universali tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Dritt tal-Baħar (UNCLOS) f'konformità mal-prijoritajiet strateġiċi identifikati fl-Istrateġija Globali tal-UE u l-konklużjonijiet tal-Kunsill rilevanti.

2. F'dan ir-rigward, il-Kunsill iħeġġeġ l-implimentazzjoni kontinwa tal-Istrateġija dwar is-Sigurtà Marittima tal-UE u l-Pjan ta' Azzjoni li jakkumpanjaha, li wkoll għandu l-għan li jsaħħaħ il-kooperazzjoni bejn id-dimensjonijiet tas-sigurtà esterna u dik interna fil-politiki tal-UE, f'koordinazzjoni ma' strateġiji u politiki dwar is-sigurtà marittima settorjali u reġjonali rilevanti oħra applikabbli għal Baċini tal-baħar tal-UE u spazji marittimi kondiviżi fil-qasam marittimu globali. Il-Kunsill jenfasizza wkoll ir-rabta mill-qrib bejn il-governanza internazzjonali tal-oċeani u s-sigurtà marittima globali f'konformità mal-Komunikazzjoni Konġunta tal-10 ta' Novembru 2016 dwar il-Governanza Internazzjonali tal-Oċeani: aġenda għall-futur tal-oċeani tagħna u l-Konklużjonijiet tal-Kunsill tat-3 ta' April 2017 b'appoġġ għall-implimentazzjoni tal-Aġenda universali 2030 tan-NU għall-Iżvilupp Sostenibbli u l-impetu mogħti lil approċċ globali għall-ewwel Konferenza dwar l-Oċeani fi New York mill-5 sad-9 ta' Ġunju 2017, u jieħu nota tal-Komunikazzjoni Konġunta tal-Ministri għall-Affarijiet Barranin tal-G7 dwar is-Sigurtà Marittima.

3. Il-Kunsill jilqa' wkoll il-ħidma li għaddejja fuq l-implimentazzjoni tal-Istrateġija Globali tal-UE u l-Pjan ta' Azzjoni Ewropew għad-Difiża, inkluż b'mod partikolari dawk il-proposti u l-azzjonijiet li jikkontribwixxu għall-iżvilupp ta' kapaċitajiet aktar b'saħħithom fis-sigurtà marittima.

Ambitu ġeografiku

4. Il-Kunsill jissottolinja l-importanza li jiġu indirizzati l-prijoritajiet tas-sigurtà marittima kif ukoll aktar involviment tal-UE fil-baċini tal-baħar Ewropej, b'mod partikolari l-Baħar Mediterran, il-Baħar Baltiku u l-Baħar l-Iswed. Barra minn hekk, il-Kunsill jinkoraġġixxi kooperazzjoni reġjonali fil-baċini tal-baħar Ewropej kollha ma' pajjiżi terzi f'konformità ma' politiki maqbula tal-UE u fil-qafas ta' fora multilaterali reġjonali bħas-Sinerġija tal-Baħar l-Iswed, u jinkoraġġixxi tagħlim minn l-aħjar prattiki eżistenti ta' kooperazzjoni reġjonali għas-sigurtà marittima fil-Baħar Baltiku.

5. Il-Kunsill jenfasizza li l-kooperazzjoni mal-pajjiżi fir-reġjun tal-Artiku, inkluż fil-qafas tal-Kunsill tal-Artiku, hija prijorità għall-UE. Meta jitqies l-ambjent li qed jinbidel b'mod rapidu u l-ftuħ ta' rotot ta' kummerċ ġodda, il-possibbiltà li jkun hemm aktar involviment sinifikanti tal-UE fir-reġjun tal-Artiku b'appoġġ għal strutturi u proċessi reġjonali għandha tiġi esplorata aktar f'konformità mal-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Artiku tat-23 ta' Ġunju 2016.

6. Filwaqt li jfakkar fid-Dikjarazzjoni ta’ Malta tat-3 ta’ Frar 2017 u d-Dikjarazzjoni UE-Turkija tat-18 ta’ Marzu 2016, il-Kunsill jilqa’ l-ħidma li għaddejja fil-Mediterran, b’mod partikolari l-ħidma ta' operazzjonijiet ikkoordinati mill-Frontex fil-Lvant tal-Mediterran u fil-Mediterran Ċentrali u l-Operazzjoni Sophia EUNAVFORMED f’ibħra internazzjonali 'l barra mill-kosta tal-Libja u l-kondiviżjoni tal-informazzjoni bil-ħsieb li tittejjeb is-sigurtà fuq il-baħar inġenerali. Barra minn hekk, jenfasizza li l-kooperazzjoni mill-qrib mal-pajjiżi fir-reġjun tal-Mediterran u l-organizzazzjonijiet reġjonali kif ukoll il-kooperazzjoni transreġjonali huma strumentali biex jiġu kkonsolidati l-kapaċitajiet lokali fir-reġjun tal-Mediterran kollu. Il-Kunsill jilqa’ l-istabbiliment li għaddej ta' Seahorse Mediterranean Network biex tiżdied il-kooperazzjoni u l-kapaċità tal-pajjiżi tal-Afrika ta’ Fuq biex jindirizzaw il-migrazzjoni irregolari u t-traffikar illegali billi jsaħħu s-sistemi ta’ sorveljanza tal-fruntieri tagħhom. Il-Kunsill jinkoraġġixxi l-iżvilupp ulterjuri ta’ stampa kondiviża tal-għarfien tas-sitwazzjoni fil-Baħar tal-Mediterran minn Aġenziji rilevanti tal-UE – fost l-oħrajn, l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima (EMSA), iċ-Ċentru Satellitari tal-Unjoni Ewropea (SATCEN), l-Aġenzija Ewropea għall-Kontroll tas-Sajd (EFCA) u l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta (FRONTEX) u s-Sistema Ewropea ta’ Sorveljanza tal-Fruntieri (EUROSUR)– filwaqt li n-netwerking ta’ Sorveljanza Marittima (MARSUR) jiġi żviluppat kompletament u jitħaddem b’appoġġ tal-PSDK, u jittieħed vantaġġ sħiħ tal-Ambjent Komuni għall-Kondiviżjoni tal-Informazzjoni (CISE) għall-qasam marittimu tal-UE, li għandu jiġu żviluppat aktar kif ukoll jitħaddem. Il-ħidma għandha tissokkta wkoll ma' aġenziji speċjalizzati tan-Nazzjonijiet Uniti, filwaqt li jsir l-aħjar użu minn SHADE MED (Shared Awareness and De-confliction in the Mediterranean). Barra minn hekk, il-Kunsill jilqa’ r-rwol tal-MED 7 biex jissensibilizza dwar l-isfidi għas-sigurtà marittima fil-Baħar Mediterran.

7. Il-Kunsill jilqa' t-tagħlimiet meħuda mill-Approċċ Komprensiv tal-UE fil-ġlieda kontra l-piraterija 'l barra mis-Somalja u l-Qarn tal-Afrika li għandu jkompli jiggwida u jispira lill-UE biex taffaċċja l-isfidi preżenti f'żoni marittimi mhux siguri oħrajn, fi sħubija u djalogu ma' sħab internazzjonali ewlenin. Jirrikonoxxi l-kontribut tal-Operazzjoni ATALANTA tal-EUNAVFOR u l-Forzi Navali ta' partijiet terzi biex effettivament jiskoraġġixxu, jipprevjenu u jiġġieldu kontra atti ta' piraterija u ta' serq bl-użu tal-armi 'l barra mix-xtut tas-Somalja, kif ukoll għas-sigurtà reġjonali. L-applikazzjoni tal-aqwa prattiki ta' ġestjoni mill-industrija marittima flimkien mal-użu ta' gwardji armati abbord ta' bastimenti tal-merkanzija wriet li kienet importanti wkoll fil-ġlieda kontra atti ta' piraterija. Bl-istess mod, il-programmi komplementari tal-konsolidazzjoni tal-kapaċità tal-EUCAP Somalia kkontribwew b'mod sinifikanti għas-sigurtà u l-istabbiltà reġjonali, f'konformità mal-Qafas Strateġiku tal-UE għall-Qarn tal-Afrika u l-Pjan ta' Azzjoni Reġjonali rilevanti tal-UE 2015-2020. Il-Kunsill jenfasizza l-importanza tas-sjieda lokali u reġjonali u f'dan ir-rigward jilqa' l-ħidma li għaddejja tal-Grupp ta' Kuntatt dwar il-piraterija 'l barra mill-kosta tas-Somalja. Fl-istess waqt, huwa jinnota li l-kawżi ewlenin tal-piraterija fis-Somalja għadhom ma ġewx eradikati u forom differenti ta' kriminalità marittima fl-Oċean Indjan tal-Punent u r-reġjuni tal-Baħar l-Aħmar jeħtieġu attenzjoni kontinwa.

8. Il-Kunsill jilqa' l-attivitajiet li għaddejjin tal-konsolidazzjoni tal-kapaċitajiet b'appoġġ għall-istati kostali u organizzazzjonijiet reġjonali, bħall-ECCAS u l-ECOWAS, fil-Golf tal-Guinea, f'konformità mal-'Proċess ta' Yaoundé'. Huwa jilqa' wkoll il-kontribut importanti tal-Grupp tal-Ħbieb tal-Golf tal-Guinea Group G7++ u jinnota s-suċċess kontinwat tal-mekkaniżmu ta' rappurtar konġunt tar-Renju Unit-Franza – Maritime Domain Awareness for Trade – Gulf of Guinea. Il-Kunsill jissottolinja l-ħtieġa għal kooperazzjoni effettiva u sjieda lokali bejn l-istati reġjonali u l-partijiet interessati inkluż fis-settur tas-sorveljanza marittima, anke fil-livell operazzjonali. Il-Kunsill jilqa' l-inizjattivi bilaterali tal-Istati Membri tal-UE fir-reġjun u jenfasizza l-ħtieġa li dawn jiġu kkoordinati mal-inizjattivi li għaddejjin tal-UE. Huwa jinnota wkoll bi tħassib li r-reġjun tal-Golf tal-Ginea jiffaċċja attakki persistenti ta' piraterija u serq bl-armi b'aktar każijiet ta' ħtif ta' persuni għal riskatt u jilqa' it-tisħiħ previst tal-attivitajiet tal-UE għall-konsolidazzjoni tal-kapaċitajiet fir-reġjun, b'enfasi speċifika fuq is-settur legali u l-istat tad-dritt fuq il-baħar u fuq l-art. Il-Kunsill iħeġġeġ ukoll lill-istati reġjonali biex jadattaw is-sistemi legali tagħhom sabiex jiġġieldu l-piraterija, is-serq bl-armi u forom oħra ta' kriminalità marittima b'mod aktar effettiv.

9. Il-Kunsill jenfasizza li tensjonijiet dwar is-sigurtà marittima qed jiżdiedu fl-Oċean Indjan u fl-Oċean Paċifiku u jħeġġeġ lill-UE u lill-Istati Membri tagħha biex jippromwovu miżuri ta' bini tal-fiduċja biex jindirizzaw it-tensjonijiet fil-Baħar tan-Nofsinhar taċ-Ċina f'konformità mal-UNCLOS u biex jaqsmu l-esperjenza pożittiva tagħhom fis-soluzzjoni paċifika tat-tilwim, inkluż fl-iżvilupp ta' kooperazzjoni konkreta għall-ġestjoni komuni tar-riżorsi tal-ilma u l-protezzjoni tal-ambjent marittimu. Il-Kunsill jilqa' l-progress li sar fin-negozjati li għaddejjin bejn l-Istati Membri tal-ASEAN u ċ-Ċina dwar il-ftehim qafas għal Kodiċi ta' Kondotta dwar il-Baħar tan-Nofsinhar taċ-Ċina. Iqis dan il-ftehim qafas bħala pass promettenti lejn Kodiċi ta' Kondotta effettiv. Il-Kunsill jissottolinja l-importanza tal-kooperazzjoni fil-qasam tad-dritt internazzjonali u l-mekkaniżmi għas-soluzzjoni tat-tilwim ipprovduti mill-UNCLOS.

Kooperazzjoni ma' Organizzazzjonijiet Internazzjonali oħra

10. Il-Kunsill jinkoraġġixxi l-kooperazzjoni ma' sħab u organizzazzjonijiet internazzjonali rilevanti, b'mod partikolari n-NU. F'dan ir-rigward għandha tiġi promossa l-kooperazzjoni bejn l-UE u s-sistema tan-NU, inklużi l-Aġenziji tan-NU. Il-Kunsill jilqa' l-kontribut tan-NU fil-promozzjoni tal-applikazzjoni universali tal-UNCLOS kif ukoll il-ħidma li saret mill-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali u l-Uffiċċju tan-NU kontra d-Droga u l-Kriminalità biex jiżguraw ibħra u oċeani sikuri u bla periklu. Fl-istess waqt, huwa jilqa' r-rapport tas-Segretarju Ġenerali tan-NU tal-25 ta' Lulju 2016 u r-Riżoluzzjoni A/71/463 tal-Assemblea Ġenerali tan-NU dwar l-iskart li joriġina minn munizzjonijiet kimiċi mormija fil-baħar.

11. Il-Kunsill jilqa' l-progress miksub fit-tisħiħ tal-kooperazzjoni bejn l-UE u n-NATO fil-qasam tas-sigurtà marittima u jinkoraġġixxi aktar progress fl-implimentazzjoni ta' kwistjonijiet marittimi inkluż bl-iżgurar tal-komplementarjetà tal-isforzi tal-konsolidazzjoni tal-kapaċitajiet marittimi tagħna, f'konformità mad-Dikjarazzjoni Konġunta ffirmata f'Varsavja fit-8 ta' Lulju 2016 mill-President tal-Kunsill Ewropew, il-President tal-Kummissjoni Ewropea u s-Segretarju Ġenerali tal-Organizzazzjoni tat-Trattat tal-Atlantiku tat-Tramuntana. Il-Kunsill jissottolinja li l-kooperazzjoni bejn l-UE u n-NATO għandha tkompli sseħħ b'rispett sħiħ tal-prinċipji tal-inklużività, ir-reċiproċità u l-awtonomija tat-teħid tad-deċiżjonijiet ta' kull organizzazzjoni.

12. Il-Kunsill jinnota li l-kooperazzjoni internazzjonali mal-Assoċjazzjoni tan-Nazzjonijiet tax-Xlokk tal-Asja (ASEAN) u ma' sħab oħra Asjatiċi hija pass importanti għall-UE f'dan ir-reġjun. F'dan ir-rigward, il-Kunsill jilqa' l-kopresidenza li jmiss tal-UE fil-Laqgħa Intersessjonali tal-Forum Reġjonali tal-ASEAN (ARF) dwar is-Sigurtà Marittima (2017-2020), l-organizzazzjoni ta' diversi edizzjonijiet tad-Djalogu ta' Livell Għoli bejn l-UE u l-ASEAN dwar is-Sigurtà Marittima u jistenna b'interess li jkun hemm aktar involviment tal-UE fil-politika dwar ix-Xlokk tal-Asja u l-arkitettura tas-sigurtà.

13. Filwaqt li jibni fuq il-kisbiet pożittivi tas-Summit tal-Kapijiet ta’ Stat u tal-Gvern tal-Unjoni Afrikana dwar is-Sigurtà Marittima, is-Sikurezza u l-Iżvilupp, li saret f’Lomé f’Ottubru 2016, il-Kunsill jissottolinja l-importanza li l-UE tmexxi 'l quddiem il-kooperazzjoni tagħha ma’ pajjiżi sħab u organizzazzjonijiet Afrikani, inkluż dwar l-ekonomija blu, u li tapprofondixxi d-djalogi dwar is-sigurtà marittima f’fora differenti, inkluż fil-laqgħa li jmiss tas-Summit Afrika-UE f’Abidjan. F’dan il-kuntest, huwa jappoġġa lill-Unjoni Afrikana fil-promozzjoni tas-sigurtà u l-iżvilupp marittimi, inkluż id-dħul fis-seħħ rapidu tal-Karta ta' Lomé.

It-Triq 'il Quddiem

14. Filwaqt li jirrikonoxxu li s-Sigurtà Marittima hija prekondizzjoni essenzjali għall-iżvilupp, il-ħolqien tal-impjiegi, ir-riċerka fl-ambjent marittimu u l-ambjent tal-baħar, u l-governanza tal-oċeani globali, il-Kunsill jilqa’ l-organizzazzjoni mill-UE tar-raba’ Konferenza "L-Oċean Tagħna" tal-5 u s-6 ta’ Ottubru 2017 f’Malta u jistenna b'interess l-impenji mill-parteċipanti kollha biex jikkontribwixxu għall-użu sikur, sigur, nadif u sostenibbli ta' oċeani ġestiti.

15. L-UE ttenni l-appell tagħha għar-rispett sħiħ u l-applikazzjoni tad-dritt internazzjonali, inkluż l-UNCLOS. Il-Kunsill jenfasizza l-importanza tar-rispett tal-libertajiet tal-ibħra miftuħa, il-libertà tan-navigazzjoni u ta’ titjiriet fiż-żoni ekonomiċi esklussivi, id-dritt ta’ passaġġ innoċenti fl-ibħra territorjali u d-dritt tal-passaġġ ta' transitu tul l-istretti, kif ukoll it-tisħiħ tas-sikurezza tan-navigazzjoni kif riflessa fil-UNCLOS. Huwa jissottolinja wkoll id-dmirijiet ta’ pajjiżi terzi f’żoni ekonomiċi esklussivi, filwaqt li jenfasizza l-importanza li jiġu salvagwardjati d-drittijiet sovrani u l-ġurisdizzjoni ta’ Stati kostali skont il-partijiet V u VI tal-UNCLOS. Huwa jtenni wkoll il-ħtieġa li jiġi żgurat li s-sovranità u d-drittijiet sovrani tal-Istati biex jesploraw u jisfruttaw ir-riżorsi naturali tagħhom ikunu salvagwardjati.

16. Il-Kunsill jistenna b'interess passi ulterjuri fl-għoti ta' reazzjoni personalizzata tal-UE sabiex ittejjeb is-sigurtà marittima fir-reġjuni marittimi ewlenin kollha madwar id-dinja u jenfasizza l-ħtieġa li kontinwament issegwi approċċ komprensiv biex tikkontribwixxi għal qasam marittimu globali stabbli u sikur billi tindirizza l-insigurtà marittima u tippromwovi governanza tajba fuq il-baħar fuq skala globali, f'konformità mal-prijoritajiet u l-prinċipji identifikati fl-Istrateġija Globali tal-UE u politiki oħra rilevanti tal-UE.